Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 444 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Joseph Mercieca

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Geroge-Michael Spiteri

Illum 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant George-Michael Spiteri detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 131673 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-31 ta' Lulju, 2015, ghall-habta tat-8.00 a.m., gewwa l-Isptar San Vincenz De Paule, fil-limiti ta' Hal Luqa:

1) Bhala persuna li kienet jew missha kienet taf li Carmelo Bonello, ta' 92 sena, hu anzjan u / jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kundizzjonijiet li x' aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel jew ippermetta lill-istess Carmelo Bonello, jsofri, jew gab fuqu ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta'

l-istess Carmelo Bonello, persuna anzjan u / jew adult dipendenti, xjentement gieghel jew ippermetta lill-istess persuna anzjana jew adult dipendenti jitqieghed f' sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha tkun f' periklu;

2) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo Bonello, ta' 92 sena, f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-istess pazjent;
3) Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b' taghkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 t' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 138, 214, 215, 221 (1), 222 A u 257 A (1) (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant George Michael Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tieghu u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni.

Alternativament u minghajr pregudizzju f' kas li l-ewwel aggravju tieghu ma jintlaqax, tilqa' l-aggravji l-ohra tieghu u joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah skont il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok, tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' l-appellant qed jissoleva n-nullita' tas-sentenza mghotija rnill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet premessi.

Illi dakinhar tas-sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-qari tas-sentenza kemm iddikjarat li sabet lill-esponent hati u kkundannatu ghal sentejn prigunerija. Fl-ebda waqt ma inghataw motivazzjonijiet u ragunijiet ghall-istess gudizzju.

Fil-fatt jirrizulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss kienet ghada kitbet sentenza fil-mument ta' l-ghoti tas-sentenza u fil-fatt dak li ghamel il-gudikant sedenti kien li kiteb dak il-hin stess fuq fol 2 tal-process il-kliem "Sentejn Prigunerija", iffirma l-istess u nizzel data tas-26 ta' Ottubru 2017 [ Kopja tad-dokument relattiv hawn anness u mmarkat Dok A];

Illi l-avukat firmatarju ta' dan l-appell ivverifika l-atti dak il-hin stess u in atti ma kien hemm l-ebda sentenza mikuba la bl-idejn u lanqas stampata. L-istess avukat firmatarju l-ghada filghodu mar gewwa s-sigrieta ta' l-istess Qorti u talab li jinghata kopja tas-sentenza li suppost inghatat lill-appellant u inghata biss id-dokument hawn anness u mmarkat Dok B fejn kien ben car li l-Ewwel Onorabbli Qorti sa dak il-mument kienet ghada lanqas hejjiet il-motivazzjonijiet ghall-dak li ddecidiet il-jurn ta' qabel;

Illi proprju nhar il-31 ta' Ottubru 2017, l-istess avukat ircieva email mill-impjegati addeti ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti b' sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellant liema email u dokument qed jigu annessi u mmarkati Dok C:

Illi minn verifika tal-Properties tal-fajl elettroniku [kopja hawn annessa mmarkata Dok D] mibghut lill-istess avukat jirrizulta li l-fajl mibghut kien gie kreat proprju nhar il-31 ta' Ottubru, 2017 fl-9.59am u ghalhekk certament ma setax jikkontjeni sentenza li suppost inghatat nhar is-26 ta' Ottubru 2017;

Illi dan l-istess fajl ittella' fuq il-website tal-Qorti proprju fil-31 ta' Ottubru 2017;
Illi huwa dntt fundamentali ta' kull akkuzat jew parti f' proceduri li fis-sentenza li tinghata, jkun hemm il-motivazzjoni u r-ragunijiet li jkunu wasslu ghal gudizzju. Din ukoll hija rekwizit ad validitatem stipulat mill-istess Kodici Kriminali. Huwa car u manifest fil-kaz de quo, dawn il-motivazzjonijiet la inghataw u lanqas biss kienu jezistu fil-mument tal-qari tas-sentenza nhar is-26 ta' Ottubru, 2017 u ghalhekk per consequenza is-sentenza moghtija u moqrija nhar is-26 ta' Ottubru, 2017 fil-konfront ta' l-appellant hija nulla u ma tiswiex fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tannulla is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet premessi u terga' tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex timxi skont il-ligi u dan sabiex l-esponent ma jigix imcahhad mid-dritt tad-doppio esame;

Illi minghajr pregudizzju ghall-Ewwel Aggravju, t-Tieni Aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' jigi umilment sottomess li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni u dan qed jinghad ghar-rigward ta' l-akkuzi kollha fejn instabet il-htija tal-imputat u li per consequenza is-sejbien ta' htija hija unsafe and unsatisfactory;

Jekk wiehed kellu jimxi fuq il-kontenut tad-dokument mibghut lill-avukat sottofirmat nhar il-31 ta' Ottubru 2017 [Dok C] u cioe' fil-parti esposittiva, jidher ben car li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma dahlitx fl-elementi probatorji ta' kull wiehed u wahda mill-akkuzi migiuba fil-konfront l-akkuzat u ma ghamlet l-ebda distinzjoni bejn l-elementi ta' kull wiehed mir-reati addebitati lill-esponent;

Hekk per ezempju anke jekk dato ma concesso li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet moralment konvinta li l-esponent appellant ta' daqqa ta' harta lil vittma Carmelo

Bonello, dan ma jwassalx ipso jure ghas-sejbien ta' htija taht l-atikolu 257 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak l-artikolu tal-ligi jirrikjedi li ssir il-prova ta' diversi elementi li bir-rispett il-prosekuzzjoni lanqas remorement ma wasslet li tippruvahom;

Anke l-provi medici kontenuti fir-relazzjoni ta' l-espert tal-Qorti stess, it-Tabib Mario Scerri kienu jmorru kontra t-tezi tal-prosekuzzjoni. L-istess espert mediku ikkonferma li l-griehi li kellu fuqu l-allegat vittma ma kienux ta' dakinhar ta' l-incident mertu tal-kawza izda ta' incident li kien sehh granet qabel u kwindi certament mhux imputabbli lill-esponent appellant;

Accenn ghal provi medici mhux biss dawk ta' l-Espert tal-Qorti lanqas biss saret mill-Ewwel Onorabbli Qorti daqs li kieku qatt ma saru.

Hekk per ezempju fix-xhieda tal-Konsulent Brian Farrugia jinghad bic-car **"tridu tifhmu ukoll li l-kundizzjoni tal-gilda tkun irqiqa hafna allura tkun suxxettibli hafna li kull injury zghira tikber hafna tigi esagerata";**

Anke l-Espert Mediku t-tabib Mario Scerri ikkonferma li uhud mill-feriti fuq il-pazjent li kienu jidhru minn ritratti ezebiti minn familjari tal-pazjent ma kienux fuq il-pazjent meta huwa nvistah. Inoltre l-istess tabib ikkonferma li mill-fajl tal-pazjent irrizulta li fid-29 ta' Lulju, 2015 kien aggressiv u restless matul il-lejl u gie trasferit ghal St Joseph Ward fit-30 ta' Lulju, 2015.

Jidher bic-car ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma fehmitx l-iskop tal-prova li riedet taghmel id-difiza u ghalhekk ma ghamlitx apprezzament xieraq dwar il-provi fuq il-procedura f' kaz ta' pazjent li jkun constant watch u cirkosranzi mhux biss tal-pazjent izda ukoll dawk li sab ruhu fihom l-appellant.

Minn imkien ma rrizultaw cirkostanzi jew kundizzjonijiet li x' aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt;

Minn imkien ma jirrizulta li l-vittma tqieghdet f' sitwazzjoni fejn il-persuna taghha jew is-sahha taghha kienet f' periklu;

Minn imkien ma irrizulta li kien hemm imgieba [li umilment ghandu jigu mifhum mhux f' att wiehed u izolat izda f' kors ta' atti] li wasslet ghal mohqrija fizika jew mentali tal-vittma;

Illi inoltre tant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlet l-ebda distinzjoni bejn l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-appellant li jirrizulta b' mod manifest li d-dispozizzjoni ta' l-Art. 138 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kien jirrelata ghat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-appellant lanqas biss ghandha x' taqsam mal-fatti tal-kaz de quo. L-Art. 138 jaqa taht it-Titolu "Fuq l-Abbuzi ta' Ufficjali u Impjegati Pubblici fl-Amministrazzjoni Pubbliku" u s-Sub Titolu "Fuq Abbuzi ta' Awtorita' u Ksur ta' Dmirijiet li Ghandhom X' Jaqsmu Ma Kariga Pubblika";

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedent, it-Tielet Aggrawju ta' l-Appellant huwa car u manifest in kwantu l-Ewwe1 Onorabbli strahet esklussivament fuq ix-xhieda ta' certa Chantelle Bonello u skartat ghal kollox il-provi kollha l-ohra in atti li kienu jwasslu ghal prova li dak li qalet Chantelle Bonello mhux biss ma kellux mis-sewwa izda li l-istess Chantelle Bonello kienet fl-impossibilita' li tara d-dinamika ta' l-allegat incident.

Huwa principju risaput li filwaqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, id-difiza ma ghandha tipprova xejn u jekk ghandha tipprova xi haga dan ghandha taghmlu biss sal-grad tal-probabbli.

Chantelle Bonello fix-xhieda taghha ippruvat taghti x' tifhem li minn fejn kienet tinsab setghat tara d-dinamika tal-allegat incident. Fil-fatt id-difiza gabet provi fuq it-tqassim tas-sala in kwistjoni, tal-parti amministrattiva tas-sala u tas-sala ta' l-ikel li juri bic-car li minn fejn qalet li kienet tinsab l-istess Chantelle Bonello qatt ma setghat tara dak li allegat li rat.

Kien f' dan is-sens li d-difiza talbet li jsir access fuq il-post izda l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li dan ma kienx mehtieg.

Huwa minnu li fl-evalwazzjoni tal-provi ma jirrenjax il-principju tal-maggoranza tan-numri u xhud wiehed jekk jitwemmen huwa bizzejjed izda certament f' dan il-kaz hareg bic-car kemm ix-xhieda ta' l-istess Chantelle Bonello mhux biss ma kienetx wahda kredibbli izda ma kienetx wahda attendibli u dan fid-dawl tax-xhieda l-ohra kollha tal-kaz u l-provi kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali li saru in atti.
Illi minghajr pregudizzju ghall-Aggravvji precedenti, ir-Raba u l-ahhar aggravvju tal-Appellant huwa car u manifest u tirrigwarda l-piena. Jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tiskarta u tichad l-aggravvji precedenti ta' l-appellant jigi sottomess li sanzjoni tal-prigunerja effettiva hija wahda eccessiva u sproprozjonata tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif ukoll il-fedina penali netta ta' l-appellant u s-sitwazzjoni vulnerabbli ta' l-istess appellant kif jista jigi konstatat ictu oculi.

Ic-cirkostanzi tal-kaz u l-esponent huma tali li bir-rispett ghandhom jattiraw temperament f' tali sanzjoni. L-esponent f' dan il-kuntest jirrizerva li jissottometti ulterjorment waqt is-smiegh ta' dan l-umli appell.

Rat il-verbal tas-seduta tas-06 ta' Dicembru 2017 fejn l-appell thalla ghad-decizjoni fuq l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti dwar in-nullita tas-sentenza appellata.

Semghet trattazzjoni fuq dan l-aggravvju.

Ikkunsidrat,
Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal pregudizzjali sollevata mill-appellanti dwar in-nullita tad-decizjoni impunjata. Dan ghaliex l-appellanti isostni illi fil-jum li inghatat s-sentenza mill-Ewwel Qorti id-decizjoni dattilografata li tinsab fil-process kienet ghadha ma gietx miktuba mill-gudikant u li din inkitbet biss xi jiem wara. Isostni illi meta inghatat is-sentenza, l-gudikant kiteb il-kliem "sentejn prigunerija" fuq il-komparixxi, a fol.2 tal-process, iffirmaha u kiteb id-data.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm dawn il-kliem miktuba fuq il-komparixxi, kif isostni l-appellanti, izda fl-atti tinsab decizjoni motivata iffirmata ill-gudikant u datata 26 ta' Ottubru 2017, ghalkemm l-appellanti jallega illi din fil-fatt giet inserita fil-process fil-31 ta' Ottubru 2017.

Dan ifisser allura, illi fl-atti hemm is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti li hija motivata u minn fejn tirrizulta l-istess decide bir-rekwizti kollha li trid il-ligi ghal validita taghha. Issa ghalkemm l-appellanti flimkien mar-rikors ta'l-appell tieghu jipprezenta kopja ta' sentenza ohra li ighid li inghata l-ghada stess mid-deputat registratur adett mal-awla, din id-decizjoni, madanakollu ma tinsabx fl-atti. Illi ukoll ghalkemm minn verifiki li ghamel l-appellanti irrizultalu illi s-sentenza li giet imqieghda fuq il-*web-site* tal-qrati tal-gustizzja, saret fil-31 ta' Ottubru 2017 u mhux fid-data tas-sentenza, dan madanakollu ma huwiex indikattiv tal-fatt illi s-sentenza fil-fatt inkitbet proprju dak in-nhar mill-gudikant.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta biss illi fis-29 ta' Gunju 2017, il-partijiet itrattaw il-kawza li thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Otturbu 2017. F'dik il-gurnata l-avukat tal-parte civile talab differiment li gie milqugh u il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Ottubru 2017, f'liema jum imbaghad l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha. Wara dan il-verbal, imbaghad, fl-atti hemm inserita id-decizjoni tal-Qorti, liema decizjoni hija wahda motivata u iffirmata mill-gudikant. Fuq il-komparixxi, imbaghad hemm ukoll miktuba il-kliem sentejn prigunerija, wara inserita id-data u il-firma tal-gudikant. Huma dawn il-fatti li jirrizultaw mill-atti.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :

"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."

Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi huma biss in-notamenti tieghu li jirriflettu il-kundanna tal-appellanti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u l-piena applikabbli, stabbilit ukoll illi fl-atti hemm id-decizjoni li tissodisfa ir-rekwiziti imfassla fl-artikolu 382 hawn fuq iccitat, din il-Qorti ma tistax tirriavviza l-ebda nullita' kif ipprospettat mill-appellanti.

Dan ghaliex ir-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti dawn ir-rekwiziti tissodisfhom.

Issa ghalkemm l-appellanti ghandu ragun meta jilmenta illi huwa kellu kull dritt jinghata il-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux wahda imharbxa ta' malajr biex huwa ikun jista' jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell u ma kellux allura jinghata sentenza li ghandha partijiet minnha nieqsa dawn in-nuqqasijiet ghalkemm jistghu ikunu ta' pregudizzju ghal partijiet fil-kawza ma jistghux jikkostitwixxu nullita sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija cara fid-*decide* taghha.

Illi fuq nota finali din il-Qorti tiehu l-okkazzjoni ghal darb'ohra tirrimarka illi ghalkemm il-ligi ma tirrikjediex *ad validitatem* fil-kamp penali illi d-decizjoni tkun wahda motivata, madanakollu meta si tratta tal-liberta' tal-individwu li hu wiehed mid-drittijiet fondamentali tieghu wara d-dritt ghal hajja, kull persuna li tinsab rinfaccjata bil-periklu li titlef dik il-liberta ghandha il-jedd tkun taf ir-raguni li wassal lill-Qorti sabiex itellifha dak il-jedd sagrosant salvagwardjat kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi fil-fehma umli ta' din il-Qorti il-motivazzjoni hija l-essenza ta' kull gudikat li ghalkemm ma hemmx ghalfejn li tkun xi wahda elaborata u tista' tkun anke skematika, specjalment fil-kawzi sommarji, madanakollu b'hekk mhux biss tigi assigurata t-trasparenza tal-

gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat b'mod specjali fejn ser ikun hemm id-deprivazzjoni tal-liberta'. Din il-motivazzjoni ghandha tinghata minnufih mal-qari tad-decizjoni anke jekk kif inghad fi ftit kliem, izda b'tali mod illi l-persuna ikkundannata tkun tista' tifhem ir-raguni li wassal ghal dik il-kundanna. Maghdud dan, izda kif inghad, billi ma tirrizulta ebda vjolazzjoni ta' dak dispost fil-ligi, dan il-pregudizzjali ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi il-pregudizzjali sollevat mill-appellanti qed jigi michud u l-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur